

**Brussell, 14 ta' Mejju 2019
(OR. en)**

9283/19

**ECOFIN 490
POLGEN 99
COMPET 403
RECH 263
ENER 269
TRANS 334
ENV 483
EDUC 245
SOC 360
EMPL 271
EF 192
AGRI 257
TELECOM 223
UEM 144**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8511/19	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 3/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali – Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali", adottat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-3688 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Mejju 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

ir-Rapport Speċjali Nru 03/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 03/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali";
2. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tal-Qorti u JILQA' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
3. JINNOTA li l-awditu kopra operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) mill-2015 sa Lulju 2018 u ffoka fuq FEIS 1, primarjament fuq it-Tieqa tal-infrastruttura u l-innovazzjoni;
4. JILQA' l-fatt li l-FEIS kien effettiv fl-għoti ta' appoġġ lil investiment addizzjonali sostanzjali fl-UE, fl-indirizzar ta' fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali u fil-kontribut għat-tnaqqis tad-diskrepanzi fl-investiment fl-Unjoni, iżda JAQBEL mal-Qorti tal-Awdituri li hemm lok sinifikanti għal titjib f'ċerti oqsma;
5. JISĦAQ li proġetti appoġġati mill-FEIS għandhom jipprovdu addizzjonalità u li jridu jiġu evitati effetti ta' esklużjoni, partikolarment f'ċirkostanzi tas-suq aktar favorevoli; JAQBEL li għandha titjeb il-valutazzjoni ta' jekk proġetti tal-FEIS setgħux ġew iffinanzjati minn sorsi oħra;
6. JISĦAQ li n-natura mmexxija mid-domanda tal-FEIS hi pedament tas-suċċess tagħha filwaqt li JAGĦRAF li d-distribuzzjoni ġeografika ta' investimenti appoġġati għandha titjeb, partikolarment fi Stati Membri mingħajr swieq finanzjarji żviluppati u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali stabbiliti sew, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-għeruq tal-firxa ġeografika osservata;

7. JAQBEL li trid tiġi mħeġġa l-komplementarjeta bejn l-istrumenti finanzjarji tal-UE u l-garanziji baġitarji tal-UE;
8. JAQBEL mal-ħtieġa li tkompli l-ħidma fuq il-metodoloġija tal-kalkolu u l-arranġamenti ta' rapportar biex jiġi stmat l-investment mobilizzat, u JISĦAQ fuq l-importanza ta' stima eżatta tal-impatt tal-FEIS;
9. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u digha ħadu passi bil-ħsieb li dawn jiġu implimentati, u JINNOTA li digha ġew implimentati żewġ rakkomandazzjonijiet u waħda ġiet indirizzata;
10. JISSOTTOLINJA li ħafna mit-tħassib espress digha tqies fir-reviżjoni tal-FEIS u partikolarment fir-Regolament InvestEU;
11. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni, il-BEI u s-sħab futuri tal-implimentazzjoni ta' InvestEU jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
12. IQIS li l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, fost l-oħrajn, ser tiżgura valur miżjud kbir minn investimenti appoġġati, ittejjeb il-bilanċ ġeografiku, tillimita d-duplikazzjoni u tippromwovi sinerġiji fost strumenti differenti;
13. JISTENNA BIL-ĦERQA l-agggornamenti annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u r-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-FEIS.
